**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Ottubru, 2015**

Talba Nru: 366/2015JB

Numru 5

**Sandra Pace**
**(K.I.: 372377M)**

**vs**

**Reuben Zammit**
**(K.I.: 47625M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-18 ta' Mejju 2015 fejn l-Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf, tliet mija u tnax-il euro u wiehed u disghin centezmu (€1,312.91) prevja li ppremettiet dan li gej:

(i) Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt tat-3 ta' Dicembru 2009 fl-Atti tan-Nutar Joseph Debono;
(ii) Illi ai termini ta' l-istess kuntratt, il-Konvenut obbliga ruhu illi jhallas l-ammont ta' hamsin Euro (€50) fil-gimgha, pagabbli kull nhar ta' Gimgha, lill-Attrici bhala manteniment ghall-wild minuri tal-partijiet Soamy Zammit permezz ta' standing order;
(iii) Illi skont l-istess kuntratt (klawsola hamsa sub-inciz numru erbgha (4(iv)), l-istess manteniment pattwit kellu jizdied skont l-indici tal-gholi tal-hajja mahruga mill-awtoritajiet governattivi ghall-istess skop;
(iv) Illi l-Konvenut beda jhallas manteniment illi jirrifletti l-gholi tal-hajja biss minn Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015), filwaqt illi l-gholi tal-hajja dovut precedentement baqa' ma thallasx fl-intier tieghu;
(v) Illi skont l-istess kuntratt, (klawsola hamsa numru erbgha sub-klawsola ittra 'b' (5(iv)(b)), l-manteniment tal-minuri ma setax jigi mibdul jew sospiz taht ebda cirkostanza hlief dawk ic-cirkostanzi li tippermetti l-ligi, u fi kwalunkwe kaz, wara decizjoni tal-qorti kompetenti;
(vi) Illi inoltre, il-Konvenut obbliga ruhu illi jirrimborza lill-Attrici ghal nofs l-ispejjez edukattivi u medici tal-minuri, kif ukoll ghal nofs l-ispejjez tal-attivitajiet extra-

kurrikulari tal-minuri kif ukoll nofs l-ispejjez tal-hwejjeg u taz-zraben tat-tifla minuri (klawsola hamsa sub-inciz erbgha sub-klawsola ittra 'c' (5(iv)(c));

(vii) Illi ghalkemm il-Konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jaghmel il-hlasijiet dovuti, huwa baqa' inadempjenti u l-istess arretati ta' gholi tal-hajja u spejjez tal-minuri ghadhom dovuti fl-intier taghhom;

(viii) Illi prezentement, l-arretrati dovuti fir-rigward tal-gholi tal-hajja relatat mal-manteniment huma fl-ammont totali ta' tliet mija hamsa u sebghin euro u sittax-il centezmu (€375.16), li jikkonsistu f'disgha u tletin Euro (€39) ghas-sena elfejn u hdax (2011), mija u ghaxar Euro u sitta u sebghin centezmu (€110.76) ghas-sena elfejn u tnax (2012), mija sitta u sebghin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€176.28) ghas-sena elfejn u tlettax (2013), u disgha u erbghin Euro u tnax-il centezmu (€49.12) ghas-sena elfejn u erbatax (2014);

(ix) Illi l-Konvenut hallas parti mill-arretrati dovuti fir-rigward tal-gholi tal-hajja ghas-sena elfejn u erbatax (2014) permezz ta' cekk;

(x) Illi in oltre, l-ispejjez tal-minuri prezentement jammontaw ghal elf tmien mija u hamsa u sebghin Euro u hamsa u tletin centezmu (€1,875.35), senjatament mitejn erbgha u disghin Euro u disgha u erbghin centezmu (€294.49) spejjez ghas-sena elfejn u tnax (2012), mitejn u wiehed u sittin Euro u erbgha u tletin centezmu (€261.34) spejjez ghas-sena elfejn u tlettax (2013), elf mija u erbatax-il Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,114.28) spejjez ghas-sena elfejn u erbatax (2014) u mitejn u hames Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€205.24) spejjez ghall-ewwel xhur tas-sena elfejn u hmistax (2015);

(xi) Illi l-Konvenut ghandu jhallas ghal nofs l-istess spejjez u cioe l-ammont ta' disa mija' sebgha u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€937.75);

(xii) Illi l-ammont kumplessiv dovut mill-Konvenut huwa ta' elf, tliet mija u tnax-il euro u wiehed u disghin centezmu (€1,312.91), liema ammont jinkludi l-arretrat dovuti fir-rigward tal-gholi tal-hajja relatati mal-manteniment tal-minuri, kif ukoll nofs l-ispejjez tal-minuri ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet sopracitat;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-30 ta' Gunju 2015;

Ra l-atti minn fejn jirrizulta li l-Konvenut gie debitament notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh relattivi, tant li deher ghas-seduta tat-30 ta' Gunju 2015 izda minkejja dan, naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment;

Ra li l-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum ghall-provi kollha tal-partijiet u ghat-trattazzjoni tal-kawza;

Ra li ghas-seduta tal-lum dehret biss il-Konvenuta u l-avukat taghha u li l-Konvenut ma ressaq l-ebda provi;

Ra n-nota pprezentata mill-Attrici fis-seduta tal-lum fejn ipprezentat bosta dokumenti in sostenn tal-pretensjoni taghha;

Sema' x-xhieda tal-Attrici li spjegat li l-pretensjoni taghha hija ppernjata fuq il-kuntratt ta' separazzjoni li hemm bejn il-partijiet u kkonfermat l-ammonti dovuti minnha u cjoe s-somma ta' €375.16 bhala awment tal-manteniment minhabba caqlieq fl-indici tal-gholi tal-hajja u s-

somma ta' €937.75 bhala sehem il-Konvenut mill-ispejjez li skond il-kuntratt ta' firda personali ghandhom jinqasmu bejn il-kontendenti.

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijet li ġejjin għandhom jgħoddu:
>
> (b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut wera kontumelja assoluta meta ghad li kien notifikata bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh naqas milli jipprezenta risposta kif ukoll naqas milli jidher ghas-seduta tal-lum. Mill-banda 'l ohra, l-Attrici, li xehdet bil-gurament, irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ikkunsidra;

Illi t-Talba attrici hija naxxenti minn kuntratt ta' separazzjoni personali liema kuntratt jipprovdi ghal hlasijiet li ghandhom jigu vversati mill-Konvenut lill-Attrici fir-rigward ta' binthom minuri. Jirrizulta li minkejja tali ftehim, il-Konvenut naqas milli jhallas u baqa' moruz ghad li gie interpellat ghall-hlas. Mhemmx dubju li tali pretensjoni naxxenti minn kuntratt ta' firda personali taqa' fl-isfera ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal (Ara f'dan is-sens is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015 fl-ismijiet "Vanessa Bartolo *vs* Kenneth Aquilina" fejn giet riportata gurisprudenza *in materia*);

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici hekk kif dedotta u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attrici s-somma ta' elf, tliet mija u tnax-il euro u wiehed u disghin centezmu (€1,312.91). L-ispejjez tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*